MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Numru. 483/2008

**Il-Pulizija**
**Sp James Grech**
**vs**
**John Paul Woods**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra John Paul Woods ta' 28 sena iben Kim Reid u MiriamWoods mwieled l-Ingilterra fil-21 ta' Lulju 1980 u residenti f'indirizz mhux maghruf gewwa Bugibba u detentur ta' passaport bin-numru mhux maghruf.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-14 ta' Dicembru 2008 gewwa City Gate Valletta kif wkoll fil-granet ta' qabel f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta**

**(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel**

**Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema reat sar fi jew gewwa distanzat a' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, liema reat sar fi jew gewwa distanzat a' mitt metru mill-**

**perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**(d) Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzai tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Rat l-atti kollha tal-process. Rat li l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet li jikkoncernaw lilu biss u li huma mmarkati bhala numru 2, 3 u 6. Galadarba l-imputat ghamel din l-ammissjoni matul is-seduta ta' llum 18 ta' Mejju 2009, dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**L-imputat ghen lill-pulizija u ghal hekk jimmerita li jgawdi mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 b'zewg gradi.**

**Il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), kif wkoll l-Artikolu 29 tal-Kap 101, ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 17H, 49 u 50 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh mmarkati bhala numru 2, 3 u 6 bin-**

**numru 3 assorbita fin-numru 2 ai fini ta’ l-Artikolu 17H tal-Kap 9.**

**Dwar il-piena il-Qorti qieset li l-imputat qieghed fl-ahhar jifhem li jrid jibdel hajtu u fl-istess hin ghen lill-pulizija u ghal hekk il-Qorti wara li qieset kemm ir-ricediva ta’ l-imputat u kif wkoll li ghandu jgawdi mill-Artikolu 29 tal-Kap 101, qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta’ prigunerija ta’ 10 xhur u ghal hlas ta’ multa ta’ 700 Euro, liema multa tista’ tithallas b’rati ta’ 50 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien 4 gimghat millum. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ xi pagament, il-bilanc jithallas kollu f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f’jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**Ai fini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas nofs l-ispejjez ta’ l-esperti ghax in-nofs l-iehor huma dovuti minn Mahmud Giuma El Saadi u ghal hekk wara li ghamlet divizjoni tat-total, ssib li hu ghandu jhallas 522.37 Euro.**

**Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------